MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 819/2000/1

**Darren Debono**

**Vs**

**Mark Sultana u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2000 giet konfermata Odette Goodlip bhala kuratrici ad litem tal-minuri Darrell Sultana, Odette Goodlip mart l-istess Mark Sultana u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Peress illi fis-27 ta' Ottubru, 1999 twieled mir-relazzjonijiet bejn l-attur u l-konvenuta il-minuri Darrell, dan skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess Darrell, hawn anness u mmarkat Dokument "A";

Peress illi l-attur huwa l-missier naturali ta' Darrell;

Peress illi b'kuntratt tat-23 ta' Marzu, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat l-attur irrikonoxxa bhala ibnu l-imsemmija tarbija u li kopja ta' tali kuntratt qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "B";

Talab ghalhekk l-istess attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tat-tarbija Darrell iben Odette Goodlip mwieled fis-27 ta' Ottubru, 1999 fil-Pieta`;

2. Tordna li l-paternita` tal-attur Darren Debono, tigi debitment maghrufa fl-att tat-twelid ta' Darrell numru erba mija u tnejn u digshin tas-sena elfejn (492/2000) u b'hekk jiehu l-kunjom ta' l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-att tat-twelid numru 492/00 relattiv ghall-minuri Darrell gie redatt korrettement skond il-ligi u jirrifletti l-istat legittimu tal-wild fl-epoka tat-twelid;

2. Fil-mertu ili f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni;

3. Illa bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li dawn ma jinkwadrawx ruhhom fi hdan il-provedimenti tal-Kodici Civili;

4. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success tal-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova tal-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konvenuti konjugi Mark Sultana u Odette Goodlip fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija;

5. Illi bla pregudizzju, l-attur ghandu jispecifika d-dettalji personali li huwa qed jitlob li jigu nseriti fl-att tat-twelid in kwistjoni, oltre l-fatt li f'kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, Darren Debono ghandu jigi ndikat bhala "missier illegittimu", kif ukoll ghandhom jigu kancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolarijiet tal-omm;

6. Illi invista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid huma ghal kollox estranei ghall-esponent huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-21 ta' Frar, 2001 li permezz tieghu giet nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-azzjoni esperita mill-attur hi mahsuba ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni li hu l-missier naturali u bijologiku tal-minuri Darrell imwieled fis-27 ta' Ottubru 1999 mir-relazzjoni tieghu ma' mara mizzewga, l-konvenuta Odette Goodlip.

Hi azzjoni tendenti biex tikkontesta l-presunzjoni stabbilita fl-Art 68 tal-Kodici Civili li jghid li "*l-iben imwieled mhux qabel mija u tmenin gurnata miz-zwieg u lanqas wara tliet mitt gurnata minn dakinhar li z-zwieg jigi mahlul jew annullat, jinghad li tnissel matul iz-zwieg*".

L-istat ta' legittimita` u appartenenza tal-filjazzjoni huma provati bl-att tat-twelid imnizzel fir-Registru Pubbliku (Art 78 (1) Kap 16) jew in assenza ta' dan, bil-prova "*tal-pussess kontinwu ta' stat ta' iben legittimu*" (Art 79).

Biex jirnexxi fl-azzjoni tieghu l-attur jehtieglu jipprova li t-tifel minuri ma ghandux pussess ta' stat konformi ghall-att tat-twelid. Tali pussess ta' stat jigi, ope legis, stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien,jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jqis bhala l-familja tieghu (Art 80 (1) tal-Kodici Civili.

Ir-rapport tal-filjazzjoni kapaci ghalhekk jigi esterjorizzat minn din il-gabra ta' fatti li ewlenin fosthom huma dawk dettati fis-subinciz (2) ghall-Art 80.

Jinghad li l-valutazzjoni dwarhu ghandha tkun wahda rigoruza. Pero' dan ma jistax jigi assunt bhala xi regola jew domma assoluta fil-kazijiet kollha. Dan ghaliex l-apprezzament ghandu jithalla fil-gudizzju ghaqli ta' min ikun irid jiddeciedi u dan in relazzjoni ghas-sitwazzjoni partikolari tal-kaz konkret u tal-kumpless ta' dawk l-elementi allegati u provati.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li omm it-tifel u zewgha, l-konvenut Mark Sultana, kienu ilhom ghal bosta xhur mifruda minn xulxin qabel ma sehhet il-firda legali bil-kuntratt tal-5 ta' Dicembru 1999 (fol 36). Skond Carmen Goodlip (fol 33) bintha l-konvenuta Odette Goodlip kienet ilha minn Settembru 1998 li telqet lil zewgha u marret tabita ghandha.

Minn dan iz-zmien il-konvenuta bdiet relazzjoni mal-attur mil-liema gie koncepit l-iben minuri li dwaru qed tintalab id-dikjarazzjoni attrici. Dan sehh fi Frar 1999.

Jirrizulta mill-versjoni provvduta mill-attur, sostenuta mill-imsemmija konvenuta, illi kien hu li kien jakkumpanjaha ghand it-tabib ghal viziti waqt il-perjodu tal-gravidanza u kien hu li assista waqt it-twelid tal-minuri. Hekk ukoll kien hu illi rabbieh bhala ibnu u ha hsieb imantnih.

Effettivament l-attur u l-konvenuta ghadhom jikkoabitaw flimkien u difatti minn dan ir-rapport ta' bejniethom kellhom wild iehor.

Fuq kollox jirrizulta ukoll illi l-attur ha hsieb biex immedjatament wara t-twelid jirrikonoxxi lill-minuri bhala ibnu bl-appozitu att ta' rikonoxximent (esebit a fol 6). Invece l-konvenut Mark Sultana (fol 30) qatt ma gharaf lill-minuri bhala ibnu u qatt ma ezercita jeddijiet dwaru.

Il-fatti jimmanifestaw ghalhekk li l-attur dejjem ittratta lill-imsemmi minuri bhala ibnu, haseb ghal manteniment tieghu u fejn jikkollokah. L-iben dejjem gie maghruf bhala iben l-attur mill-membri tal-familja ta' l-attur u tal-konvenuta ommu.

Dan stabbilit huwa ovvju li z-zewg estremi, jigifieri l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, f'dan il-kaz ma jikkonkorrux flimkien. Li jfisser ghalhekk li l-presunzjoni dettata mill-Art 67 tal-Kodici Civili ma tibqax wahda assoluta (**Vol XXXVII pII p768**) u allura l-paternita` legittima rapprezentata mill-att tat-twelid tal-minuri tista', u ghandha, tigi eskluza.

Dan pero` ma huwiex bizzejjed. L-attur ried jirnexxielu wkoll fil-kaz partikolari jikkonforma ruhu ghal dak stabbilit fl-Art 77 tal-Kodici Civili u cioe` li jipprova l-impossibilita` fizika tal-ko-abitazzjoni ta' Mark Sultana mal-konvenuta fil-perjodu f'dak id-dispost imsemmi.

Jirrizulta li din il-prova saret in kwantu kif gja manifest omm it-tifel kienet tghammar b'mod regolari u "more uxorio" mal-attur f'dar wahda fejn fiha ifformaw familja tant li mill-unjoni ta' bejniethom kellhom tarbija ohra.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba attrici fis-sens li tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tat-tarbija Darrell imwieled fis-27 ta' Ottubru 1999;

Tilqa' wkoll it-tieni talba u tordna l-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid tal-minuri esebit a fol 5 tal-process billi tikkancella kull referenza minnhu ghal konvenut Mark Sultana bhala missier it-tarbija kompriz il-konnotati riferibbli ghalih u tissostitwixxi ghalih lill-attur "Darren Debono" fil-kolonna "Isem u Kunjom", "49474 (M) Maltese

ID Card number" fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita`", Eta' "25", "Fejn Twieled "St. Julians", Fejn Joqghod "San Gwann", "Isem u Kunjom il-Missier "Paul Debono, haj". Mill-generalitajiet ta' l-omm ghandhom jigu kancellati l-kliem "the said" kif hekk talab id-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku ta' l-attur.

-------------------------------TMIEM-------------------------------